MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Numru 746/2007

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

Vs.

-omissis-
John Farrugia
Mark Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati detenturi ta' karta ta' identita' numri 563776(M) u 268080(M) rispettivament.

Lil Mark Micallef talli f'dawn il-gzejjer, fit-8 ta' Gunju 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda

b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel li titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ tletin lira Maltin (Lm30) ghad-dannu ta’ Alexandra Michellman ta’ nazzjonalita’ Germaniza u qligh ta’ tletin lira Maltin (Lm30) ghad-dannu ta’ Benjamin Briffa minn San Gwann;

Lil John Farrugia talli f’dawn il-Gzejjer, fit-30 ta’ Mejju 2007, bil-hsieb li jaghmel qligh b’qerq ta’ tletin lira Maltin (Lm30) ghad-dannu ta’ Madeline Collins mill-Wardija, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioè uza mezzi kontra l-ligi, jew ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew inqeda b’qerq iehor, ingann jew wera haga b’ohra sabiex igieghel li titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

-omissis-

Lil Mark Micallef wahdu talli b’hekk sar recidiv a terminu ta’ l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 10 ta’ Novembru 2004, liema sentenza saret definnittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-odjerni imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammisjoni huma nsistew anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jipprospettaw r-reat ta' truffa u recidiva. Din ta' l-ahhar maghmula biss fil-konfront tal-imputat odjern Mark Micallef.

Illi fuq talba tal-prosekuzzjoni kienet intalbet is-separazzjoni tal-gudizzju ta' l-odjerni akkuzati mill-akkuzat l-iehor Christopher Mallia li fil-konfront tieghu l-kawza giet deciza fis-17 ta' Dicembru 2007 minn din l-istess Qorti kif preseduta.

Illi fil-konfront ta' dawn l-odjerni imputati fuq l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata taghhom issibhom hatja. Rat l-Artikolu 41 308, 49 u 50 tal-Kap 9 (l-ahhar zewg akkuzi fil-konfront biss tal-imputat Mark Micallef) u tiddeciedi li tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbiltajiet taghhom li johorgu minn dina is-sentenza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------